MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 411/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Simon Vella**

Il-Qorti,

1. Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 182781(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-11 ta' Novembru, 2010 ghall-habta tal-1.40 a.m., waqt li kien fl-inhawi tas-Siggiewi, kien qieghed jonsob ghat-tehid tal-pulvieri, waqt stagun maghluq u dan bi ksur tar-Reg. 18 (1)c ta' l-A.L. 79/2006, hekk kif emendat L.S. 504.71.

Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kien qieghed jonsob minghajr ma kellu licenzja mahruga f'ismu mid-Direttur u/jew mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tar-Reg. 11(3) ta' l-A.L. 79/2006 hekk kif emendat L.S 504.71.

2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tat-12 ta’ Ottubru, 2011, li biha, wara li rat ir-regolament 18(1)c tal-A.L. 79/2006, LS 504.71 u Reg. 11(3) tal-A.L. 79/2006, LS 504.71 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant ħati u għaldaqstant ikkundannatu multa ta’ seba` mitt Ewro (€700). Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

3. Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-18 ta’ Ottubru, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjarah mhux ħati u tilliberah minn kull ħtija u piena.

4. Fliet l-atti kollha proċesswali.

5. Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

6. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

7. Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti u cioe':-

8. Illi mill-fatti kif ġew miġjuba ma jirriżultax illi l-appellant kien qiegħed jonsob la s-Siġġiewi, la l-Qrendi u lanqas xi post ieħor u għaldaqstant il-provi mressqa ma jammontawx għal vjolazzjoni tal-liġi.

9. Sabiex persuna tonsob fi stagun, kemm maghluq, kif ukoll miftuh, dik il-persuna trid neċessarjament ikollha mhux biss il-mansab, minsub, izda wkoll li dak il-mansab ma jkollu l-ebda xkiel biex jingħalaq u aktar minn hekk irid ikun hemm persuna li qegħda ħdejn il-“leavers” sabiex tiġbed l-istess “leaver” u l-mansab jingħalaq.  Fin-nuqqas ta’ wiehed minn dawn l-elementi jew aktar, l-insib ma huwiex possibbli stante l-impossibilita` li l-fatt jseħħ.

10. Fil-każ odjern emerga bic-car kemm mill-affidavits ippreżentati, kif ukoll mill-kontro-eżami ta’ PS 305 li l-ebda ufficjal tal-Pulizija ma ra lill-esponenti jew xi terz vicin il-

“leavers” li jħaddmu l-għeluq ta’ dawn iż-żewġt imnasab misjuba.

11. Anzi kellha quddiemha l-Ewwel Qorti konferma bil-ġurament tat-tliet persuni misjuba li huma kollha kienu reqdin u li qamu meta ġew hekk imqajjma mill-Pulizija.

12. Fiċ-ċitazzjoni, l-Prosekuzzjoni bħalma għandha obbligu legali li tagħmel, semmiet il-lok ta’ fejn sehh l-allegat agir kriminali bi vjolazzjoni tal-Avviz Legali 79 ta 2006 u ċioe` skont iċ-ċitazzjoni fis-Siġġiewi.

13. Analizi tal-affidavits issemmi b’mod car li l-allegat agir sehh gewwa l-Qrendi. Dan il-fatt u cioe` li l-għalqa ta’ missier l-esponenti, fejn instab rieqed l-esponenti flimkien ma’ ħuh u terz, fil-fatt giet ikkonfermata wkoll mix-xhieda kollha in difesa li din l-art tinsab il-Qrendi u mhux is-Siggiewi.

14. Illi l-esponenti spjega kif il-kmamar fl-għalqa fil-Qrendi ta’ missieru matul l-istaġun tal-insib ikun hemm fiha madwar 20 pluviera li fuq is-suq igibu prezz medju kull wieħed ta’ circa Euro 30, u li minhabba li fil-passat kellhom numru ta’ tentattivi ta’ serq huma jorqdu hemm proprju sabiex jipprevjenu tali serq.

15. Dan qieghed jingħad fl-isfond tal-fatt li ma huwiex possibbli ghal missieru li jġorr ta’ kuljum dan il-volum ta’ għasafar meta huwa jmur jonsob. Uħud mir-rapporti in konnessjoni mas-serq ġew esebiti.

16. Ġie spjegat ukoll mill-esponenti kif in situ l-imnasab ma setgħu qatt jingħalqu stante sistema ta’ “locks” magħmula proprjament sabiex ma jintużawx l-imnasab. PS 305 meta mistoqsi direttament dwar jekk jiftakarx dawn il-“locks” bil-ġurament tiegħu ma setax jiftakar, pero` lanqas ma caħad.

17. Ingħad kemm-il darba mill-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati jekk din kienet waħda ‘safe and satisfactory’. Il-Qorti reggħet

semgħet ix-xhieda mill-ġdid u analizzat id-dokumenti li kienu ppreżentati.

**L-Ewwel Aggravju**

18. Bħala l-ewwel aggravju l-appellant jissottometti li waqt li ċ-ċitazzjoni tindika l-post bħala fl-inħawi tas-Siġġiewi, ix-xheida kollha tipponta għall-Qrendi. Bir-rispett kollu l-Qorti ma taqbilx ma' dan l-aggravju. Huwa sinifikanti li meta l-missier, Carmelo Vella, mar jirraporta serq mill-istess kamra (ara par.28) huwa ta dawn l-indirizzi:

(i) il-Qasam iż-Żgħir, limiti tal-Qrendi (10.10.02);
(ii) Tas-Sruġ, limiti tas-Siġġiewi (06/10/2011);
(iii) l/O Siġġiewi (19/08/2003);

19. Minn dawn ir-rapporti jidher li l-istess post huwa magħruf b'żewġ ismijiet. Dan mhux il-każ fejn iċ-ċitazzjoni tgħid 'fl-inħawi tal-Imsida' u fil-fatt l-allegat reat ikun seħħ 'fl-inħawi tal-Mellieħa.' Totalment mod ieħor hija s-sitwazzjoni f'dan il-każ. Is-Siġġiewi u l-Qrendi jmissu ma' xulxin u post jista' jitqies fil-limiti tas-Siġġiewi jew fil-limiti tal-Qrendi. **Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju.**

**It-Tieni Aggravju**

20. Dwar it-tieni aggravju l-Qorti għarblet ix-xhieda u l-affidavits. F'dawn l-affidavits, maħgmula minn PS 305 Alfred Gauci u PC 804 L.Formosa jingħad li kien osservat Simon Vella fl-inħawi tal-Qrendi għall-ħabta tas-1.40am tal-11 ta' Noembru 2010 li kellu żewġ mnasab minsubin, żewġ pluvieri ħajjin u sitt decoys mifruxa mal-imnsaba waqt staġun magħluq. Simon Vella ma kellux liċenzja maħruġa f'ismu biex jonsob.

21. In kontro-eżami, PS 305 Alfred Gauci xehed li sabu lil Simon Vella u lil David Vella fil-kamra. Dawn insistew li kienu reqdin. Kellhom il-friex imqalleb. Huma setgħu kienu reqdin iżda ma kinux reqdin.

22. Fir-ri-eżami huwa qal li kien hemm żewġ imnasab minsubin u fil-mansab kien hemm mifruxin żewġ luvieri ħajjin u żewġ decoys tal-pluvieri. Dawn kienu viċin il-kamra fejn sabu liż-żewġ akkużati.

23. David Vella xehed li l-għalqa hija ta' missierhom u ħaduha hu u ħuh. Huma kienu sajru fenek u baqgħu hemmhekk għax kien sar il-ħin u kienet daħlet ix-xitwa. Huma qagħdu għassa mal-affarijiet għax kemm-il darba ppruvaw jidħlu u l-missir kien għamel xi rapporti. Missierhom huwa nassab u huma jorqdu hemm fi żmien l-insib. Il-Pulizija kienu qajmu lilu. Ix-xhud qal li ma jsitax ikun li tkun qed tonsob u tkun rieqed. Barra minn hekk missieru kien illokkja x-xbieki (ara r-ritratti) u allura dawn ma jkunux jistgħu jinqalbu. Żied jgħid li l-pluvieri dejjem hemm, sajf u xitwa. Xi ritratti oħra juru x'għamlu dawk li ippruvaw jidħlu fil-kamra. Id-dokumenti juru r-rapporti li kien għamel missieru.

24. Fil-kontro-eżami huwa qal li dawn huma l-uniċi kmamar tla-familja li jintużaw għall-insib. Żied jgħid li s-serqiet ilhom li saru u ma kien hemm ħadd minnhom għassa għax ma kienx żmien l-insib meta sar is-serq. Huwa afferma li sħabu kienu reqdin u li l-pluviera postha kien barra. Dwar id-decoys huwa qal li dawn ma jidhrux bil-lejl.

25. Xehed Simon Vella li qal li missieru huwa nassab. Huma kienu fil-post biex isajru fenek. Huma ttardjaw u baqgħu hemm biex jibqgħu għassa mal-affarijiet minħabba li kien hemm tentattivi ta' serq. Missieru għandu żewġ pluvieri fuq il-bejt. Il-guva dejjem ikun fiha xi ħaġa. Kienu kielu u raqdu. Lilu sabuh fil-kamra ta' ġewwa u nħasad għax ra torch. Il-bieb ma kienx illokjat għax xi ħadd ma llokjahx. Kienu ndunaw bihom għax kellhom it-tliet karozzi eżatt quddiem il-bieb ma' ġenb l-imnasab.

26. Xehed Christian Sciberras li qal li kien ċempillu David Vella u qallu biex isajru fenek. Wara li kielu ddeċieda li jorqod hemm. F'daqqa waħda ra d-dawl tat-torches Kien Simon Vella li qallu biex iqum.

27. Xehed Karmenu Vella, missier l-appellant. Huwa qal li meta jonsob l-imnasab ikun miftuħin normali. X'ħin il-ħin jgħaddi għandu bħal security u jillokkjhom. Meta jkollu dawn l-għodda hemmhekk jorqod xi ħadd magħhom. Il-kamra kien sgassawha erba' darbiet.

28. Fil-kontro-eżami huwa qal li meta jgħaddi l-istaġun jaqla' kollox. Huwa jillokkja kollox minn filgħaxija għal filgħodu. Uliedu, daqqa jorqod wieħed u daqqa jorqod l-ieħor. Is-serqiet li rrapporta kollha kellhom x'jaqsmu mal-istess kamra.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

29. L-appellant jissottometti li huwa kien rieqed u mhux jipprova jieħu xi għasfur u li huwa kien mar fuq il-post biex jiekol ikla fenek u joqgħod għassa minħabba s-serq. Il-Qorti nnutat li s-serq irrapurtat kien fis-sena 2002, fis-sena 2003 u fis-6 t'Ottubru 2011. Dan tal-aħħar kien jirreferi għal dak li allegatament seħħ fit-8 t'Awwissu 2011. L-akkuża hija datata 11 ta' Novembru, 2011. Fir-rapporti kien hemm rappurtati ħsara lil xi għamara, ser ta' mutur tal-bexx u pompa tal-bexx, u għasafar tal-għana – sitt sponsuni u disa' ġojjini.

30. M'hemmx dubju li l-ħin meta marru l-pulizija fil-kamra fejn kien qiegħed l-appellant kien sew wara nżul ix-xemx.

31. Fuq il-post kien hemm sitt decoys, pluviera u l-imnasab kienu minsuba.

32. L-appellant jgħid huwa kien rieqed u għassa minħabba s-serq.

33. Saret enfasi li l-imnasab kienu llokkjati mill-missier li ma joqgħodx fuq il-post minħabba l-artrite. Bir-rispett kollu, b'aktar minn persuna waħda fuq il-post, mhux ħaġa impossibbli li wieħed jiftaħ il-lokk fil-ħin addattat.

34. Fir-rikors promotorju jingħad ukoll li l-missier kien ikollu madwar għoxrin pluviera fil-kmamar fl-għalqa matul l-istaġun tal-insib. Iżda mix-xhieda kollha li telgħu, inklużi

l-Pulizija, ħadd ma semma li ra dawn l-għoxrin pluviera. Il-pulizija semmew biss 2.

35. Il-Qorti nnutat li tnejn mis-serqiet imsemmija jmorru lura snin qabel (2002 u 2003) u l-aħħar waħda kienet rappurtata fis-6 t'Ottubru 2011 iżda d-data tal-inċident li tidher fir-rapport hija tat-8 t'Awwissu, 2011.

36. Mil-lat legali l-Qorti qed tirreferi għas-sentenza tal-25 t'Awwissu 2008 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Paul Grech u Carmel Farrugia' mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn intqal hekk:

''L-espressjoni 'tipprova tieħu', fil-kuntest tar-regolamenti dwar il-kaċċa u l-insib, ma tirriferix għan-nozzjoni ta' tentattiv fil-Kap 9.  Huwa biżżejjed biex persuna tkun qed 'tipprova tieħu' għasfur li hija jkollha lest l-apparat meħtieġ u tkun qed tistenna biex appena jitfaċċa l-għasfur, dan ikun jista' jiġi attirat biex jinqabad bix-xbiek.'

37. Il-Qorti mhix temmen li l-appellant kien kiel, raqad u qagħad għassa minħabba s-serq.  Hemm wisq elementi ċirkostanzjali - bħall-preżenza ta' żewġ pluviera, id-decoys, u l-imnasab minsubin -  li flimkien jippuntaw f'direzzjoni waħda - li huwa kien qed jonsob għall-pluvier fi staġun magħluq għall-kaċċa.

38. Li l-appellant ma kellux liċenzja huwa fatt li lanqas biss ġie kontestat.  A fol 16 jidher ħlas għas-sena 2011 u mhux għas-sena 2010.

39. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju.

**Konklużjoni**

39. Il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-12 t'Ottubru 2011.   Il-multa għandha tkun tħallset kollha fi żmien seba' xhur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------